# BHAL HOLMA

*Rajtha 'l Afrodite fuq tajjar bajdani,*
*Tirjes bhan-nifs taż-Żeffiri sajfija,*
*Tifrex madwarha velu fin qawsalla*
*Bhal-tbissim helu fuq haddejn wardija.*

*Ghad-dell tal-friegħi ta' siġriet dellija,*
*B'werag ġol-fidda bajdanin mahsula,*
*Ġewnah infirex ta' holm bnin u hleiu*
*Fuq qalbi mxahxha, ġamra nar mirghula.*

*U sahhar l-arja l-ġiżimin bi nwaru,*
*Tbewwes hieni mad-daqq tal-mandolin;*
*Il-mewġiet żifnu bhal tfajliet ferhana,*
*U hienja tbennu, tbandlu l-fregatini.*

*L-Imħabba, b'velu ta' tbissim mistura,*
*Bhal warda jaqqgħet fuq xuftejn ghaslija.*
*U qalbi daqet bhal inbid tal-ġenna,*
*U ntrefghet mill-art kollha ferh mimlija......*

*Dabet Afrodite ġo t-tajjar bajdani,*
*Għabet bhan-nifs taż-Żeffiri sajfija,*
*U ghalfejn qalbi kollha dmugh ixxenqet*
*Ghat-tbissim helu fuq haddejn.. ...mitfija.*

24/5/50. G. B. Cassar.